## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 311/2017PM1**

**Marthese Veneziani (K.I. 325374(M))**

**Vs**

**Adam Beresford**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-14 ta' Lulju, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta'disa' mija u hamsin euro (€950) bl-imghax legali u bl-isspejjez kontra l-istess intimat in subizzjoni u dana peress li l-intimat permezz ta' ohtu Dorothy Warrington kien qed ifittex li jixtri proprjeta` fil-lokalita` tax-Xghajra, Haz-Zabbar. L-istess Dorothy Warrington indagat mar-rikorrenti li assistiet billi ndikat proprjeta` partikolari li kienet ghall-bejgh fil-lokalita` imsemmija u inoltre irrendiet possibbli li jsir ix-xiri ta' dik il-proprjeta` da parti tal-intimat.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tas-16 t' Ottubru, 2017 u ghas-seduta tal-lum.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti imsemmija u lanqas prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mill-attrici.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attrici fis-seduta tas-16 t'Ottubru, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' disa' mija u hamsin euro (€950) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mill-istess attrici kif indikat fit-talba bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**